B'dedika li għażiża zija tiegħi Maria Dolores Attard li marret
fi ħdan il-Missier illum il-Ġimgħa 6 ta' Mejju 2021.

**Ma nafx kif ħa naqbad inħallaskom**

Din kienet il-kelma li għadni nisma’
Tvenven bl-imħabba li taf biss tħobb fis-skiet,
Li m’għandhiex bżonn ħafna ftaħir biex tiġma’
Għal dawk ta’ madwarha eluf ta’ barkiet!

Zija din kienet ħajtek hawn f’did-dinja
Tieħu ħsieb lin-nannu b’tant kura tal-ulied,
Liz-zijiet Ġużi u Carmen bi bżulija
Qdejthom b’qalb kbira, b’imħabba li tiżdiet.

Għażiża zija strieħ issa fis-sema,
Fejn l-anġli jilqgħuk fi ħdan Kristu Sultan
Issokta ħu ħsieb daru kif għamilt fl-art.

Ifraħ u thenna għemilek jinstema
Jgħanni l-isbaħ għanja lil Alla Setgħan,
Itlob għalina u għ’ll-familja Attard.

Patri Mario Attard OFM Cap
6 ta’ Mejju 2020
Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.